# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 t'Ottubru, 2018.**

**Rikors Numru 1518/18/1**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**fl-ismijiet:**

***Western Company Limited***
**(C – 19994)**

**vs.**

**Matthew Charles Costigan,**
***retail administrator*, iben Renato**
**u Olympia *nee`* Cutajar, imwieled**
**Pieta` u residenti Hamrun (ID 219987 (M))**
**u martu Maria Costigan, *teacher*, bint**
**Fedor Rezunenko u Vera *nee`* Shikina,**
**imwielda Stravropol, Russia (ID. MT7332195)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat is-27 ta' Settembru, 2018, (ara foll 1);

2. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll is-27 ta' Settembru, 2018, (ara foll 1 u 8);

3. Rat il-verbal datat id-9 t'Ottubru, 2018, li permezz tieghu jirrizulta li l-intimati baqghu fi stat ta' kontumacja, (ara foll 9);

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

5. Illi permezz tal-procedura fuq riferita s-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex tikkawtela d-drittijiet taghha kontra l-intimati biex dawn jinzammu milli b'xi mod jittrasferixxu jew jiddisponu mill-fondi indikati fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

6. Illi *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12), l-iskop tal-procedura specifika odjerna hu li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob l-istess mandat;

7. Illi konsegwentement il-qorti hekk kolpita hi prekluza milli tohrog l-imsemmi mandat sakemm ma tkunx sodisfatta li tali mandat ikun mehtieg biex jitharsu d-drittijiet ta' min jinvokah – anke jekk addirittura dawn ikunu *in prima facie*;

8.0. Illi konsegwentement, biex ikun jista' jinhareg dan il-mandat hemm il-htiega li jridu jissussistu s-segwenti rekwiziti:

8.1. Id-dritt *in prima facie* tar-rikorrenti;

8.2. Il-htiega li l-hrug tal-mandat *de quo* jservi biex jigu tutelati l-allegati drittijiet tar-rikorrenti;

8.3. Il-pregudizzju tar-rikorrenti;

9. Illi jigi wkoll hawn sottolineat li l-imsemmija rekwiziti ghandhom jissussistu kumulattivament u mhux alternattivament ghal xulxin;

10. Illi in vista ta' dak indikat fil-paragrafu precedenti, jekk allura anke wiehed mill-imsemmija rekwiziti ma jirrizultax, il-qorti hi obbligata tirrespingi t-talba inoltrata quddiemha;

11. Illi *di piu`*, l-qorti hi wkoll obbligata li tezamina s-sinifikat rizultanti mill-procedura *de quo* biss *in prima facie* u mhux li tezamina l-mertu tal-istess b'mod ezawrjenti u profond;

Ikkunsidrat:

12. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)** fl-ismijiet **Sonia Grech *proprio et nomine* vs. Stephanie Manfre`** datata l-**14 ta' Lulju, 1988**, (**Vol. LXXII Pt. 1 – 11 Sez. 1 – 11 p. 295**), li fir-rigward irribadiet is-segwenti:

> "... hu rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat";

Ikkunsidrat:

13. Illi fil-kaz in dizamina din il-qorti mhix sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti stabbiliet id-drittijiet *in prima facie* minnha allegati;

14. Illi ghalkemm allegat, l-istess socjeta` rikorrenti ma jirrizultax li esebit xi dokument li permezz tieghu tistabbilixxi xi prova tal-ezistenza tal-jedd minnha allegat, tal-anqas mad-daqqa t'ghajn;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi in vista tal-karenza fuq elenkata din il-qorti ma tqisx li s-socjeta` rikorrenti ipprovat it-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

15.1. Tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

15.2. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet preliminari taghha datat is-27 ta' Settembru, 2018;

15.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**